# RWIEFEN

—0:0—

BUZZETT DRAMMATKU

ta'

IVO MUSCAT-AZZOPARDI

MALTA 1949.

## NIES IL-BUZZETT:

| | |
|---|---|
| Il-Professur **ALFONS BORĠ-BUHAĠAR** ... | (50 sena) |
| L-Avukat **JOE BOLFAMIER** ... ... ... | (35 ,, ) |
| **ĠINO BORĠ-BUHAĠAR** ... ... ... | (26 ,, ) |
| **SITA XERRI** ... ... ... ... ... | (25 ,, ) |
| It-Tabib **DEDU XERRI** ... ... ... ... | (50 ,, ) |
| **LIENI**, seftura tal-Professur ... ... ... | (60 ,, ) |

*(Copyright)*

# RWIEFEN

## IX-XENA TURI:

Salott fid-dar tal-Professur Borġ-Buħaġar li għandu, fost is-solti twieqi u bibien u għamara moderna, tieqa ftit kbira tal-ħġieġ li tagħti għal fuq ġnien. In-naħa tax-xellug (ta' min iħares) hemm ċumnija, imma mitfija.

L-ewwel taqsima ta' l-att issir f'Mejju tal-1946. Rebbiegħa mill-isbaħ.

It-tieni taqsima ta' l-att issir f'Jannar tal-1947. Xitwa mill-eqqel.

BOLFAMIER : *(Bil-qiegħda, komdu jpejjep sigarru).*

PROFESSUR : *(Jidher aktarx imdejjaq; daqqa jippassiġġa, daqqa jieqaf, daqqa jħares mit-tieqa tal-ġnien).*

BOLFAMIER : Wara kollox, ma nafx għax int imdejjaq hekk, donnok tlift xi elf lira. Fi ġranet sbieħ bħal din tal-lum mhux permess li wieħed ikollu n-nervi.

PROFESSUR : F'hiex qed tarani mdejjaq... u bin-nervi?

BOLFAMIER : Kif f'hiex qed narak imdejjaq? Ili kwarta nkellmek fuq waħda mill-iżjed kawżi importanti li qatt waqgħu f'idejk u li, ma nistax nifhem il-għala, trid teħles minnha u tgħaddiha lili.

PROFESSUR : Imissek tirringrazzjani jekk qed nimxi miegħek altruwistikament u rrid nafdalek kawża kriminali mill-aktar interessanti, b'ħafna punti sbieħ favur id-difiża, flok niddefendiha jien innifsi.

BOLFAMIER : Għaldaqshekk nirringrazzjak; imma issa li ħallejtha f'idejja, kull meta nistaqsik xi ħaġa fuqha, u sewwa sew... fuq xi punt sabiħ tad-difiża... donnok tinsab fost il-kwiekeb u kemm-kemm tweġibni.

PROFESSUR : Taħseb? Ma jidhirlix li jien daqshekk aljenat!

BOLFAMIER : Forsi dak l-aħħar ġuri li kellek keddek iżżejjed u dejqek, u l-ħatja weħlu iżjed milli deherlek li kellhom jeħlu?

PROFESSUR : Le, ma jidhirlix, ma naħsebx. Madankollu... forsi kellu xi influwenza ċkejkna fuq il-moral tiegħi...

imma... wara kollox... skond l-opinjoni tiegħi personali, il-ġurati taw verdett mill-aħjar.

BOLFAMIER : *(Iqum u jersaq lejh)* U mela?!... *(Il-Professur jieqaf ftit, iħares sewwa lejn Bolfamier, iċaqlaq rasu bieħ bħallikieku jgħidlu "ara ma nafx" u jissokta jimxi b'Bolfamier warajh, li jtaptaplu fuq spallejh).* Profs... jew aħjar Alfons... ħallini nkellmek ta' ħabib u mhux ta' avukat. *(Il-Professur jieqaf iħares lejh)* Naf fhix int taħseb u marridx kieku niftaħlek pjagi, imma... dak li jsir bir-rieda t'Alla... ma nistgħux immorru kontra tiegħu. Illum inti għalaqt sentejn armel... u jien żgur li din id-data qed iddallamlek ix-xemx sabiħa li qed tiżreġ f'kull rokna tal-ħajja tagħna. *(Il-Professur ma jwieġbu xejn u donnu kemm kemm qed jifhmu)* Għax, minflok, ma turix ferħ kbir talli ibnek għadda dejjem bl-unuri mill-eżamijiet u minn hawn u ftit xhur oħra se jieħu l-lawrja ta' tabib?

PROFESSUR : La tistaqsinix... la tistaqsinix... anqas naf...

BOLFAMIER : Jonkella għax għandu għal warajh... tifla ħelwa, brava u sinjura... li ma ddumx ma tagħmlu raġel mill-aktar henjin... u lilek nannu...

PROFESSUR : Imma...

BOLFAMIER : Naf xi trid tgħid... uffiċċjalment għad ma hemm xejn... imma "quel andar e venire" xi tgħidli għalih?

PROFESSUR : *(Donnu jrid jaħtfu fil-kelma)* Iva... għandek raġun... hekk hu. Il-lum il-mara għalqet sentejn mejta... taf int... konna tant ninġiebu...

BOLFAMIER : *(Biex kieku jikkunslah)* Ħares ftit hawn barra... *(jersaq lejn it-tieqa)* Ara kemm agħsafar hawn jittajru... min jaf kemm minnhom tilfu lil min rabbihom... lil min iħobbhom... b'dana kollu baqgħu sejrin għal għonq it-triq... għax il-ħajja hekk sejra... *(idur u jinduna li l-Professur għadu jippassiġġa u qajla qed jisimgħu)* Ara, Profs ,l-aħjar li nagħmel inħallik bil-kwiet u nerġa' narak iżjed tard. Imma nitolbok... derri kemm tista'... derri kemm tista'... kulħadd għandu jmut xi darba... aljena ra-

sek... (*itaptaplu fuq spalltu u joħroġ*).

PROFESSUR : (*Kif joħroġ jieħu nifs qawwi, bħallikieku ħa gost li ħeles minnu, iqabbad sigarrett u jmur iħares mittieqa tal-ġnien*).

LIENI : (*Tidħol wara ftit — tfittex b'għajnejha — tilmħu*) Sinjur, reġgħet ġiet is-sinjurina...

PROFESSUR : Lien, għidilha li ħriġt, għidilha li t-tifel għadu ma ġiex...

SITA : (*Tidħer fil-bieb u tkun semgħatu*) Kif tgħidli li ħriġt jekk int qiegħed hawn...

PROFESSUR : (*Bi skuża*) Huwa int?!.. ma kontx naf li...

LIENI : (*Seftura bla ħażen*) Kif, sinjur, jien ma għidtlekx li s-sinjurina ġiet...? (*Sita tfaqqa' daħka ċkejkna*).

PROFESSUR : Iva... iva... inti għidtli... jien ma fhimtekx...

LIENI : (*Tgemgem waħda hija u ħierġa*) Jien naf x'għandu dal-ġranet?... donnu wieħed skantat!...

SITA : Professur!... (*Tħares lejh b'ħarsa ta' kunfidenza*).

PROFESSUR : (*Ftit mifxul*) Għidli... Miss...

SITA : Sur Alfons!...

PROFESSUR : (*Mifxul u mdejjaq*) X'tixtieq?

SITA : Alfons! Kemm se ddum ma tifhem li jien lilek irrid u mhux lil ibnek.

PROFESSUR : (*Dejjem mifxul, ma jafx x'jibda jgħid u jagħmel*) Imma... sinjorina... ma nafx kif nibda nagħmel biex infehmek...

SITA : Qabel xejn jien Sita jisimni, mhux sinjorina. Quddiem in-nies sejjaħli kif trid u kif jogħġbok, imxi mal-konvenjenza, imma sakemm fil-kamra ninsabu weħidna marridx nisma' l-kelma "sinjorina" u anqas "miss". Għajjatli Sita, kif jien insejjaħlek Alfons.

PROFESSUR : (*B'persważżjoni*) Sewwa!... Int, meta jidhirlek, issejjaħli b'ismi, u tħalli barra kull titlu li jħobbu jagħtuni l-oħrajn; imma jidhirlek int, bħala xebba mil-aktar intelliġenti, li meta kulħadd isejjaħli Professur, ibda minn missierek, li huwa nnifsu huwa tabib, int għandek issejjaħli b'ismi, b'ismi biss u xejn aktar?

SITA : Jien minix bħall-oħrajn. Jien inħobbok... jien irrid niżżewġek...

PROFESSUR : Afli, binti, qiegħda tassew tikkonfondini. Jien ġa għidtlek li din il-ħolma tiegħek... ħolma, fhimtni sewwa, ma tista' qatt titwettaq. Ħallini narġa' ngħidlek għal darba oħra, dak li għidtlek ftit ilu, il-bieraħ, il-ġimgħa l-oħra...

SITA : Telf ta' żmien... lilek irrid...

PROFESSUR : (*Donnu jrid jipperswadi lilu nnifsu*) Xebba ta' ħamsa u għoxrin sena, tiżżewweġ ma' raġel ta' ħamsin; imbagħad armel... b'tifel li dalwaqt isirlu tabib. Tiżżewweġ miegħi... Professur fl-Università... miżmum bħala...

SITA : X'għandu x'jaqsam dana kollu? L-imħabba ma tirraġunax! L-imħabba ma għandhiex għomor!

PROFESSUR : Imma billi tħobbni int, mhux biżżejjed. X'jiswa li tħobbni int jekk jien (*iħares lejha sewwa biex bħallikieku jipperswadiha u juriha xagħaru li lewnu huwa bżar u melħ*) ...jien ma nħobbokx.

SITA : Mhux tassew... qed tigdeb...

PROFESSUR : L-imħabba... dik li jidhirlek li hija mħabba... qed titilfek minn sessik... għax kieku ma kontx tuża ċertu kliem bħal dak li użajt issa issa... "giddieb".

SITA : Għax jien inħobbok!

PROFESSUR : Ara, nerġa' ngħidlek, jien ma nħobbokx. Imma, ukoll li kieku kont, ma nistax biex nikkuntenta lilek...

SITA : U lilek innifsek...

PROFESSUR : (*Bi sforz*) Le... lilek biss. Ma nistax biex nikkuntenta lilek, inwaqqa' lili fir-ridikolu. Jien, il-Professur Borġ-Buħaġar, miżmum bl-aħjar kriminalista ta' Malta... armel...

SITA : Tajjeb, tajjeb, nafha bl-amment l-istorja. Imma m'intix se tipperswadini... jien minix qabda ġurati li bid-dehen tiegħek iddawrilhom rashom fejn jaqbel lilek... tqallbilhom moħħhom ta' taħt fuq... iġġagħlhom jaraw dak li mhux...

PROFESSUR : Aħseb biss, sinjorina...

**Sita :** Sita għidtlek...

**Professur :** Tajjeb, aħseb ftit, Sita; meta minn hawn u ftit ieħor jiġi l-papà tiegħek biex niftehmu fuq iż-żwieġ ta' ibni miegħek, ngħidlu kiesaħ u biered : "Le, ma jistax ikun, għax bintek lili tħobb..."

**Sita :** Hekk hu, hekk hu. Mindu ġejna noqogħdu fejnkom, issa iiu xi sena, mhux hekk? u sirna midħla ta' xulxin, jien qatt ma inkoraġġejtu lil Ġino, u meta niġi hawn għalik niġi, għalik biss...

**Professur :** U tgħidx ħmerijiet!

**Sita :** Mhux ħmerijiet dawn... jien lilek inħobb... bniedem ta' esperjenza, bniedem li jifhem, bniedem li jaf japprezza... japprezza l-imħabba.

**Professur :** U ħallini minnek, f'ġieh min rabbiek! Minn fejn ġibthom dawn it-teoriji kollha?

**Sita :** Ġibthom u sirt nafhom minn għandek... mid-difiżi tiegħek. Kif int, elf darba dawwart ras il-ġurati, dawwart tiegħi wkoll. Int biss responsabbli. Jien lilek inħobb u lilek biss. (*Kważi b'għajta*) Fhimt? (*Trid tgħannqu*).

**Professur :** (*Jinfired minnha kważi bil-herra*) Ħallini, ħallini, li ma jmurx jitfaċċa xi ħadd... u min jaf x'jaħseb...

**Sita :** (*Tinħasad, tibqa' tħares lejh b'ħarsa għariba — pawża twila — trid kieku tirbħu*) Tassew ma tħobbnix?

**Professur :** (*Iħares lejha ċass, il-ħarsa ta' għajnejha tkun se tegħelbu, jagħmel sforz fuqu nnifsu, ibaxxi għajnejh*) Iva, tassew... ma nħobbokx...

**Sita :** Le, mhux tassew... ħares sewwa f'għajnejja... arġa' tenni l-gidba... (*teħodlu idejh f'idejha*).

**Professur :** (*Jinsab bejn ħaltejn, imma ma jaqlax għajnejh minn fuqha — jiġbed idejh kważi bis-saħħa*) Iva, ma nħobbokx...

**Sita :** (*Tibqa' taħtha, wiċċha mbergħen, kalma tal-biża'*) Tajjeb... tajjeb wisq... mela nizzewweġ lil ibnek... (*tgħannqu, tinfexx f'bikja u taħrab 'il barra*).

**Professur :** (*Jibqa' nofsu miblugħ, ma jafx x'għandu jagħmel; imbagħad ilissen bejnu u bejn ruħu*) Dimonju?... Anġlu!... Anġlu?... Dimonju?!... (*Iqabbad

*sigarrett u jmur iħares mit-tieqa — pawża twila. Jinstama' l-arloġġ idoqq il-ħdax).*

LIENI : (*Tidħol, terġa' tilmħu mwaħħal mat-tieqa*) Hawn it-tabib Xerri, jixtieq ikellmek, sinjur. (*Kemm kemm idur*) X'għandek imqabbad ma' dik it-tieqa, il-lum, sinjur?

PROFESSUR : (*Kiebi*) Qed nieħu gost nara l-agħsafar jittajru, Lien! Dawk imberkin għax ma għandhom xejn x'jinkwetahom. Imma issa ħallina minn dan u għid lit-Tabib igħaddi.

LIENI : U ħalik mill-agħsafar, sinjur. Int taħseb wisq... u fuq kollox. (*Miexja*) Ħa ngħidlu jgħaddi (*toħroġ*).

PROFESSUR : (*Jibqa' hemm sakemm jidħol it-tabib*).

TABIB : X'għandna, Profs? Kif int, dalgħodu? Imħabbat xejn?

PROFESSUR : Mhux ħażin żejjed. Xogħol għandi imma minix bil-burdata tiegħu l-lum. Kont qed nistennik. (*Joħroġ l-arloġġ mill-but*) Madankollu intom it-tobba tħobbu żżommu l-puntwalità, għallanqas int wieħed minnhom żgur, għax donnok kont qed tistenna l-ħdax idoqqu biex tħabbat il-bieb. Li ma kontx ftiehemt miegħek qabel, ma kontx issibni, għax ma tantx inħossni fiha.

TABIB : Jien ukoll ftit inkwetat; binti, kultant ma nafx x'jagħtiha.

PROFESSUR : Ftit ilu kienet hawn.

TABIB : Iva, naf, iltqajt magħha ħierġa; rajt xejn f'liema stat kienet?

PROFESSUR : Le... le... ma ndunajt b'xejn! Jaqaw?

TABIB : Kienet nervuża għal darba.

PROFESSUR : Nervożità taż-żgħożija, Tabib.

TABIB : Naħseb li kienet qed tibki!

PROFESSUR : Tibki? (*Biex igħid xi ħaġa*) Forsi kellha xi tgħid ma' xi ħadd?

TABIB : Jien naf?! Dik hekk, ma nistax nifhem x'għandha!

PROFESSUR : Meta tiżżewweġ igħaddilha kollox.

TABIB : Għamilt sewwa semmejtli din il-kelma "żwieġ"

għax jien... sewwa sew fuq hekk ġejt biex inkellmek... u tlabtek appuntament. Taf int Sita u Ġino...

PROFESSUR : Iva... iva... naf xi ħaġa imma... aħjar nitkellmu fuq kollox u fit-tul. Ma jidhirlekx?

TABIB : Dan żgur... dan żgur...

PROFESSUR : Oqgħod tabib. Tieħu vermut? Ħa pejjep sigarrett.

TABIB : Grazzi, grazzi wisq, nieħu vermut b'nitfa ġinn miegħu, jekk għandek? (*Joqgħod*).

PROFESSUR : Naħseb li fadal qatra ġinn... arani miegħek... (*Jiftaħ armarju-bar żgħir, joħroġ minnu żewġ tazez, iferragħ fihom vermut-ġinn, joffri sigarrett lit-Tabib, iqabbadulu, iqabbad wieħed għalih, joqgħod fejnu*). Meta konna qegħdin ingħidu...?

TABIB : Sita u Ġino jgħoddu ħafna għal xulxin u jien jidhirli li......

*Id-dawl tax-xena jibda jonqos sakemm isir dlamm ċappa — Igħaddu xi disa' xhur mindu ntemmet l-ewwel taqsima. Issa ninsabu f'Jannar tal-1947. Xitwa qalila. Ix-xena hija l-istess waħda ta' qabel. Sita u Ġino issa żżewġu flimkien wara li Ġino ħa l-lawrja ta' tabib. Kif jibda jżid id-dawl — dawl li juri li ninsabu f'xi s-sitta ta' wara nofs in-nhar, l-ewwel ma tidher hija ċ-ċumnija mixgħula, li quddiemha, mixħuta fuq pultruna, tinsab Sita, liebsa bl-ilbies ta' barra. U fuq pultruna oħra quddiemha, hemm Ġino, b'ilbies ta' barra wkoll. Id-dawl jibqa' jiżdied bil-qajla l-qajla sakemm jiġi normali. Tinstama' nieżla ħalba xita u tidher xi berqa.*

ĠINO : (*Nervuż*) Ma nistax nifhem il-għala dawn il-kapriċċi kollha!

SITA : (*Bierda kemm tista' tkun*) Jien magħmula hekk: bierda u kapriċċuża; xi tridni nagħmel issa? Noqtol ruħi b'idejja u nerġa' nitwieled? Dan huwa n natural tiegħi. Jekk għandek il-ħila tbiddiluli, biddlu.

ĠINO : Stajt għidt mill-ewwel li ma għandekx ħajra u ma kont naqtagħhom xejn il-biljetti.

SITA : Ma kontx naf li hemm Bettie Davies. Dik ma tafx

taghmel hlief partijiet ta' miġnuna. Imġienen għandna kemm irridu madwarna.

ĠINO : Ma tgħidx ħmerijiet. Dik waħda mill-aħjar artisti taċ-Ċine ta' kull żmien.

SITA : Iva, l-aħjar waħda, imma lili ma tinżillix.

ĠINO : U issa x'se nagħmlu? X'se nagħmel bihom il-biljetti?

SITA : Ehles minnhom kif trid. Stenna ftit. Iva, mur agħtihom lill-Papà, forsi jmur ma' l-avukat Bolfamier. Minn għalija kellhom jiltaqgħu f'xi s-sebgħa... jilħquha sewwa r-rappreżentazzjoni.

ĠINO : (*B'sabar*) Tajjeb! U aħna x'se nagħmlu? (*Xi berqa*).

SITA : Aħna noqogħdu hawn. Barra hemm ħafna ksieħ u x-xita dalwaqt terġa' tibda nieżla. X'noħorġu nagħmlu!? U jekk jinqala' xi pazjent, l-aktar jekk jinzerta xi wieħed ġdid, tkun tista' sservih u taqdih aħjar. Mhux tabib ridt issir int?

ĠINO : Imħatra li se toħodha miegħi għax sirt tabib!

SITA : Minix qed noħodha miegħek, imma jeħtieġ tammetti li kieku t-tobba kollha ma jiżżewġux ma jagħmlux ħażin. (*Halba xita oħra*).

ĠINO : Forsi għandek raġun. Il-professjoni tagħna teħtieġ sagrifiċċji kbar u meta n-nisa ma jifhmux jew ma jridux jaqsmu magħna dawn is-sagrifiċċji, gwaj biss jista' jinqala'...

SITA : Iva, iva, hekk hu...

ĠINO : (*Biex jaqtagħha barra*) Halli mmur nara l-Papà hux fuq u nagħtih il-biljetti. Int se tbiddel hux tassew?

SITA : Int mur agħtihomlu u mbagħad naraw x'nagħmlu. (*Kif joħroġ Ġino tqum, tneħħi l-kappell minn rasha, tieħu ktieb minn fuq xkaffa, taqbad taqrah, donnu ma jogħġobhiex, tagħlqu, tqabbad sigarett, tħares barra mit-tieqa li minnha tidher nieżla x-xita, terġa' tersaq lejn iċ-ċumnija biex issaħħan idejha.*)

ĠINO : (*Jerġa' jidħol. Issa jkun neża' l-ġlekk u libes il-ġubbadikamra*) Il-Papà, għandu jkun, għandu ħaf-

| | |
|---|---|
| | na x'jagħmel. Qiegħed fl-ufficcju, il-bieb maqful minn ġewwa u ma fetaħlix. Qalli li dalwaqt jiġi. |
| SITA : | Tajthomlu l-biljetti? |
| ĠINO : | Għidtlek li ma fetaħlix. |
| SITA : | Għidtlu għallanqas għalfejn tridu? |
| ĠINO : | Le, ma għidtlux. |
| SITA : | (*żnervata*) Uff, ajma, kemm int ċapsa. Ħa mmur ngħidlu jien. |
| ĠINO : | Le, ħallih, minn leħnu jidher ftit u xejn imdejjaq. Forsi qed iħejji d-difiża tal-ġuri li għandu jsir xi ftitt ijiem oħra. |
| SITA : | Jista' jkun! (*Tieħu l-istess ktieb li kienet skartat qabel, terġa' tiftħu fejn ġie ġie, u tinxteħet taqra ħdejn iċ-ċumnija.*) |
| ĠINO : | (*Jidher imdejjaq ħafna u jmur iħares mit-tieqa*). Issa ma stajniex ħriġna? Se nibqgħu mkaħħlin hawn donna żewġ figolli! |
| SITA : | (*Tqum bil-herra*) Uff xi dwejjaq! Tajjeb, noħorġu, immorru fejn trid, imma mhux it-Talkies (*Xi berqa*). |
| ĠINO : | (*Jieħu ftit ir-ruħ*) Iva, immorru fejn trid, ħa mmur nilbes il-ġlekk... |
| SITA : | U għid lil Lieni biex ma tistenniniex għaċ-ċena l-lejla. |
| ĠINO : | U fejn se mmorru? |
| SITA : | Anqas naf jien stess. Mhux toħroġ trid? Tajjeb, noħorġu, immorru sal-Premier, imbagħad għand Blackley, u wara nieħdu *car* u nitilqu x'imkien bogħod, niċċenaw barra, immorru sa Għajn Tuffieħa, orrajt? |
| ĠINO : | (*Kważi mistagħġeb*) Orrajt, orrajt. |
| SITA : | Tinsiex iġġib miegħek iċ-ċavetta. |
| ĠINO : | U le ma ninsiex! Mela se noqogħdu barra sa nofs il-lejl? |
| SITA : | Ma nafx. Jekk ifettilli aktar tard ukoll. M'intix kuntent issa? |
| ĠINO : | Iva... dan żgur. (*Huwa u ħiereġ, taħt ilsien*) Kapriċċuża!! |

SITA : *(Tixħet il-ktieb x'imkien, kif ġie ġie, tieħu l-kappell u tmur tilbsu quddiem il-mera; il-manjieri tagħha, kif tilbsu, huma kapriċċużi għall-aħħar u ddum ħafna ddawru f'rasha biex issiblu pożizzjoni li togħġob. Berqa)*.

PROFESSUR : *(Jidher bil-ġubbadikamra, sogħbien, imdejjaq. Jilmaħ lil Sita)*. Sit, Ġino mhux hawn? Ma nafx x'riedni.

SITA : *(Kważi tiġri lejh)* Ara l-Papà! *(Tgħannqu kważi eżaġeratament u tbusu)* Fejn kont mistoħbi l-lum? La rajtek għall-breakfast u lanqas għall-ikel!

PROFESSUR : *(Jinħall b'għamil stramb)* Qomt ftit tard biex nilħaq nieħu l-breakfast magħkom u f'nofs in-nhar kont mistieden għall-ikel ma' xi ħbieb!

SITA : Tassew?! Mela lil Ġino għax għidtlu li kellek aċċess urġenti...?

PROFESSUR : Kellu jkolli wieħed... imma ma sarx.

SITA : Xejn ma int konsistenti fit-tweġibiet tiegħek. Alla ħares kellek tagħmel xhud f'xi kawża u nkun qed neżaminak jien, għax żgur nobormok...

PROFESSUR : Ara, Sita, ħallina miil-argumenti għax... ma nħossnix fiha... U, fejn hu Ġino? X'riedni?

SITA : Kellna mmorru t-Talkies u jien ma ridtx immur għax hemm Bettie Davis. Lili dik il-mara ma togħġobnix, ma nafx il-għala, ma niggustahiex. Għalhekk għidtlu biex jagħtihom lilek il-biljetti ħalli tmur tgħaddi ftit taż-żmien ma' l-avukat. L-arti tagħha, lilek, tista' tiswielek għal xi difiża.

PROFESSUR : Dejjem ċajtiera int, Sita!

SITA : Ma nogħġbokx hekk? *(U mal-kliem tieħu poża tassew li tiġbed)*.

PROFESSUR : *(Donnu jrid iwarrabha minn quddiemu)* Iva, togħġobni, dan żgur li togħġobni. Int il-mara ta' ibni... *(biex jaqta' t-taħdita)* U issa x'se tagħmlu int u Ġino?

SITA : Issa... se mmorru band'oħra. Il-lejla rrid niddawwar barra... hekk, irrid niddeverti... *(Ħalba xita sewwa)*.

PROFESSUR : (*Juri li qed jieħu gost*) Iva! Tajjeb wisq.

SITA : ...l-ewwel se mmorru l-Premier, imbagħad x'imkien ieħor, aktarx Blackley, u wara għal Għajn Tuffieħa... niċċenaw hemm... u jekk insibu l-kumpannija nibqgħu hemm tard... tard ħafna. U int?!

PROFESSUR : Jien kont se nibqa' hawn, imma la triduni mmur it-Talkies flokkom immur...

SITA : U wara?

PROFESSUR : (*Jaħsibha għax se jgħid gidba*) Wara?... għal hawn... bħas-soltu. Int taf li jien ma tantx inħobb noħroġ...

ĠINO : (*Jidħer Ġino, liebes biex joħroġ*) Inti hawn, Papà? Fittixtek fuq... ridt nistaqsik...

PROFESSUR : Iva, naf, Sita qaltli. Agħtini l-biljetti.

ĠINO : (*Jagħtih il-biljetti*) Aħna se mmorru l-Premier u wara...

PROFESSUR : (*Jaqtagħlu kliemu*) ...naf... naf... Sita qaltli kollox. Se tiddisklawha l-lejla.

SITA : (*Terġa' tgħannqu*) Int għax ma tiġix tiddiskla magħna? (*Ragħda*).

PROFESSUR : (*Kważi jinġibed lura minnha*). Id-disklar... jew insejħulu aħjar xalar... ma jgħoddx għal nies bħali... (*bħallikieku jrid jikkorreġi ruħu*) ...għal nies tal-għomor tiegħi.

BOLFAMIER : (*Jidħol u jaqbeż malajr fit-taħdita*) Dan x'ġara l-lejla? X'inhu dal-kuraġġ kollu? Hergin f'temp bħal dan? Hawn ġewwa qiskom fil-ġenna ta' l-art, b'dis-sħana kollha...

SITA : Żewġi jrid joħroġ u jien jeħtieġ nikkuntentah.

ĠINO : Jekk jidhirlek li ma għandniex noħorġu?...

PROFESSUR : (*Jaqbeż malajr fin-nofs*) U ħallikom mill-avukat! Morru u iddevertu kemm tifilħu... aħna mhux ukoll se noħorġu?

SITA : Iva... niddevertu kemm nifilħu... (*Tgħannaq ħafif ħafif lill-Professur*) U int, Daddy, wara t-Talkies għad-dar, fhimt? (*Leħenha donnu jrid juri ċajt imma fih xi ħaġa serja*) Tħallihx iġorrok imkien issur Avukat...

PROFESSUR : (*Huwa ukoll taparsi bić-ćajt imma leħnu mhux ferħan*) Xejn taħseb... wara t-Talkies dritt hawn. (*Sita ssellem lil Bolfamier, kif ukoll Ġino, u joħorġu*).

BOLFAMIER : Bgħatt għalija. X'inqala'?

PROFESSUR : (*Isir serju għal kollox*) Għandi bżonn inkellmek fuq ħaġa l-aktar serja.

BOLFAMIER : (*Iħares lejh aktarx mistagħġeb*) Ħaġa serja?! Ma nafx kif qed narak! Mhux l-ewwel darba li kellimtni fuq ħwejjeġ serji, imma lilek qatt ma rajtek daqshekk qalbek sewda. (*Ragħad fil-bogħod*).

PROFESSUR : Għax ili sitt xhur biex ingħidhielek. Nixtieq nistqarrlek xi ħaġa.

BOLFAMIER : Xi parir fuq xi difiża minn tiegħek? Trid tara kliemek x'effett jagħmel fuq bniedem tal-liġi?

PROFESSUR : Le... le...

BOLFAMIER : Xi klijent, li minn għalik innoċenti, stqarrlek li huwa ħati?

PROFESSUR : Iva u le. Din id-darba l-ħati huwa jien innifsi, imma ħati bla ħtija. (*Beraq*).

BOLFAMIER : Ħati?... Inti?!

PROFESSUR : Iva. Oqgħod. Issa ngħidlek kollox.

BOLFAMIER : L-affari fit-tul? Smajtek tgħid li sejrin it-Talkies. Ta' x'ħin?

PROFESSUR : Għandi l-biljetti imma m'aħniex se nużawhom. Moħħi jinsab band'oħra u mhux fit-Talkies. Milli qed nara m'intix tirrealizza f'liema sitwazzjoni kerha ninsab... Għidtlek oqgħod bil-qiegħda.

BOLFAMIER : (*Joqgħod*) Ngħidlek is-sew... qiegħed tbeżżagħni!

PROFESSUR : Jekk hawn xi ħadd li jmissu jibża' minnu nnifsu dak il-wieħed huwa jien.

BOLFAMIER : Milli qed nara għandek bżonn tisfoga ma' xi ħadd id-dwejjaq tiegħek.

PROFESSUR : Iva. U għażilt lilek bħala l-akbar ħabib tiegħi li, għalkemm wisq iċken minni fil-għomor, inżommok bħala l-aktar bniedem li tifhem is-sentimenti tiegħi. Tiftakar meta xi ħmistax-il sena ilu ġejt titlobni biex tieħu l-prattika ta' avukat miegħi?

BOLFAMIER : Jekk niftakarx!

PROFESSUR : F'dik l-okkażżjoni kien jeħtieġli nistudjak minn rasek sa saqajk, biex nara xi bniedem int, jekk nistax nafdak, jekk nistax inħallik taqsam miegħi s-segrieti professjonali...

BOLFAMIER : Iva, niftakar sewwa x'tgħarbila għarbiltni...

PROFESSUR : U wara, meta bdejt ngħaddilek xi kawża...

BOLFAMIER : L-għajnuna li tajtni ma ninsiha qatt.

PROFESSUR : Imma issa ma hemmx fin-nofs l-isem ta' xi klijent, wieħed barrani, imma tiegħi nnifsi, u s-segriet huwa meħtieġ mija fil-mija. (*Ragħad*).

BOLFAMIER : Ma hemmx għalfejn ngħidlek li kull ma tgħidli...

PROFESSUR : Naf, naf, kieku ma kontx żgur minnek ma kontx nibgħat għalik. Barra milli se nistqarrlek dan is-segriet tiegħi, tinħtieġli wkoll l-għajnuna kollha tiegħek, bħala ħabib u bħala avukat.

BOLFAMIER : Ma nistax nifhmek.

PROFESSUR : Issa nfehmek kollox. Tieħu grokk? Whisky, mhux hekk? Ejja nieħdu whisky flimkien. Ilna ħafna ma nieħdu wieħed. (*Jiftaħ l-armarju tax-xorb, iġib flixkun whisky u żewġ tazez vojta u joqgħod fejn iċ-ċumnija, jitkellem u jixrob, biex jinsa d-dwejjaq kbar tiegħu. — Beraq)*.

BOLFAMIER : Agħtini sigarrett, għax insejt tiegħi d-dar.

PROFESSUR : Ha, pejjep kemm trid. (*Iqiegħed fuq it-tavolin ma' ġenb il-whisky, il-kaxxa tas-sigarretti u s-sulfarini*). Tiftakar f'dak iż-żmien meta t-tifel tiegħi tgħarras mat-tifla tat-Tabib Xerri?

BOLFAMIER : Dan żgur li niftakar.

PROFESSUR : (*Pawsa ftit twila—donnu jrid jistqarr xi ħaġa li ma tistax toħroġlu minn fommu; imma fl-aħħar jaqtagħha li aħjar jitkellem*). Sita, dik il-ġurnata stess li tgħarrset ma' ibni, xi sagħtejn qabel, għamlitli stqarrija l-aktar stramba.

BOLFAMIER : Jaqaw?!

PROFESSUR : Qaltli, bis-serjetà kollha, li kellha simpatija kbira miegħi, mhux ma' ibni; li lili kienet tħobb, lili riedet tiżżewweġ. (*Berqa*).

BOLFAMIER : Lilek? (*Mistagħġeb*) Aħjar ma ngħid xejn ukoll!

PROFESSUR : Jien ukoll ħassejt ruħi mistagħġeb u ma ridtx nemminha, u ħadtha biċ-ċajt, imma minn kliemha u għemilha, minn kull ħarsa tagħha, kien jeħtieġli nemmen li kienet qed titkellem bis-serjetà kollha.

BOLFAMIER : Aħjar ma ngħid xejn!

PROFESSUR : Tista' taħseb int f'liema baħar xeħtitni, f'liema pożizzjoni antipatika u delikata qegħditni. Jien, raġel ta' ħamsin sena, armel, b'tifel kważi tabib. Hija, tfajla ta' ħamsa u għoxrin, li f'għajnejn innies kienet ġa magħrufa bħala l-għarusa ta' ibni...

BOLFAMIER : Xi stramberija!!

PROFESSUR : Malli qaltli bqajt bħal inġazzat; imbagħad ħassejt sħana kbira f'rasi u ħassejtni mifxul għal darba; u malli ġejt f'sessija għamilt mill-aħjar biex inbiddlilha ħsiebha.

BOLFAMIER : Irnexxielek? Hekk għandi naħseb.

PROFESSUR : Jien ukoll ħsibt hekk għax urietni li fehmitni meta għidtilha li dak li kienet qed tistħajjel seta' jeżisti biss fil-ħolm, jew f'xi film.

BOLFAMIER : U hekk intemm kollox b'wiċċ il-ġid, hux hekk?

PROFESSUR : Hekk deherli jien, u l-għaġla kbira tagħha biex tiżżewweġ lil Ġino ssoktat twettaqli li kienet biddlet ħsiebha u rat li l-ħolma tagħha kienet ħolma tassew, li jien kont wisq kbir għaliha, kont ingħodd aktar biex ingħaddi bħala missierha. Jien ħassejt ruħi ferħan għax deherli li bil-persważżjoni tiegħi kont irbaħt kawża l-aktar ġusta.

BOLFAMIER : U issa x'inqala' mill-ġdid?

PROFESSUR : Anqas ma laħqet għaddiet ġimgħa miż-żwieġ tagħha ma' Ġino li ma bediex il-kalvarju tiegħi.

BOLFAMIER : Miniex nifhmek, Alfons!

PROFESSUR : Sita ma kellmitni qatt iżjed fuq l-imħabba tagħha lejja. Irrid ngħid dik l-imħabba li kienet stqarritli kif mara tistqarr lir-raġel. Imma jien issa sirt bħala missierha. Bħala missierha ma nistax niċħad lill-mara ta' ibni li tgħannaqni, kultant tbus-

ni. (*Berqa u ragħad*).

BOLFAMIER : (*Beda jifhem*) Tassew... tassew...

PROFESSUR : Imma kieku inti kont minfloki, bħala raġel taddinja, bħala avukat, x'differenza kont issib bejn ix-xofftejn ta' Sita ta' qabel... u Sita tal-lum?

BOLFAMIER : Qed nifhmek, ħabib, nifhmek u nagħdrek.

PROFESSUR : (*Jisħon*) U dawk l-għajnejn?! Mhumiex forsi l-istess?

BOLFAMIER : Iva... iva... imma inti għidtli li hija ma kellmitek qatt iżjed fuq l-imħabba li darba kellha għalik... U mela?

PROFESSUR : Kieku l-bniedem b'għamilu jeħtieġ juri, ta' bilfors, dak li għandu maħżun f'qalbu, kollox sew. Imma l-moħħ, li jagħti bħala frott il-ħsieb, huwa magħluq f'kaxxa li ebda kaxxaforti ma tista' tisboqha. Int għidtli, issa issa, li fhimt tajjeb f'liema baħar ninsab. Hekk hu. Bħala avukat ta' dehen... u fuq kollox bħala ħabib... għandek kull ma hu meħtieġ biex tifhem sewwa dak li jgħidlek ħabib u avukat bħalek... imma la tinsiex li hawn nies li għandhom il-ħila jikkontrollaw b'setgħa tal-għaġeb, kull taħrika tagħhom. Fost dawn hemm dawk li jissimpatizzaw, u forsi jħobbu xi ftit, u kultant ħafna, nisa li ma jistgħux ikunu tagħhom. Ma jistgħux ikunu tagħhom jew għax huma nfushom miżżewġin jew għax in-nisa jkunu marbutin ma' ħaddieħor. Dawn in-nies, imħabba fil-konvenjenza, imma l-aktar għax ir-Reliġjon tagħna trid hekk, jeħtiġilhom irażżnu kull ħsieb tagħhom, iqiegħdu fuq wiċċhom il-maskra u jorbtu bl-akbar rabta kull nerv ta' ġisimhom. Qatt ħsibt fihom dawn in-nies int?

BOLFAMIER : Le, ma ħsibtx. Imma int, issa, qed timmaġina ċerti ħwejjeġ li ma għandhomx x'jaqsmu mal-kas tiegħek.

PROFESSUR : Donnok m'intix tifhimni, ħabib. Ara, kieku Sita ma kellmitni qatt qabel, jew kieku ħabbet lili u qatt ma qaltli xejn, u mħabba fiċ-ċirkostanzi iżżewġet lil ibni, jien aktarx ma kont ninduna qatt

x'ifisser it-tgħaniq tagħha meta ssejjaħli "papà", għax l-azzjonijiet tagħha, fihom infushom, ma fihom xejn ħażin; imma l-imgħoddi, l-imgħoddi li ma jista' jħassru ħadd, x'se nagħmel bih? L-istqarrija tagħha kif nista' neqridha minn ġewwa moħħi? Sita, ħabib, laħqet urietni wiċċha qabel ma qiegħdet il-maskra fuqu.

Bolfamier : Għandek raġun.

Professur : Id-dubju, ħabib, qed jifnini. Imbagħad issa qed inħoss li s-sitwazzjoni għaddiet għall-agħar. Jien avukat, kriminalista magħruf; jiena kelli l-okkażżjoni mitt darba biex bi kliemi nipperswadi lil nies oħra, jaraw dak li mhux, jew ma jarawx dak li hu. (*Beraq*).

Bolfamier : X'waħdadin, x'sitwazzjoni kerha tinsab fiha!

Professur : U isma' dal-punt l-ieħor. Aħna l-avukati nsostnu li d-dubju huwa dejjem favur il-ħati, mhux hekk?

Bolfamier : Hekk hu.

Professur : Imma fil-kas tiegħi min huwa l-ħati? Jien li bitteoriji tiegħi u bid-dehen tal-persważżjoni li twieled miegħi, ġbidt lejja bniedma li ma tgħoddx għalija, jew Sita li trid iddaħħalni f'dik it-triq li ma tgħoddx għalija u ma tixraqlix? Dawn l-argumenti li qegħdin jifirdu l-ħsieb ta' Alfons Borġ-Buħaġar bħala bniedem, minn dak tal-kriminalista, imqegħdin taħt il-lenti ta' l-immaġinazzjoni, daħħlu fija dubju mill-eħrex u mill-eqqel.

Bolfamier : Alfons, minn kliemek qed nifhem u nħoss li ilek żmien thewden fuq din il-ħaġa, u issa moħħok jinsab ftit u xejn imħawwad.

Professur : Iva, hekk hu... issa qed inħoss li dħalt fin-nassa jien ukoll. U minn xi xahar 'il hawn qed nistaqsi lili nnifsi : Sita aktarx ma għadhiex tħobbni iżjed, għax issa sabet f'ibni l-vera mħabba taż-żgħożija...

Bolfamier : (*Jaħtfu fil-kelma*) Iva... hekk naħseb; u mela? (*Beraq, xita, ragħad*).

Professur : ...imma jien, jien żgur li ma nħobbhiex?

Bolfamier : Dis-sitwazzjoni qatt ma għaddietli minn rasi!

PROFESSUR : Imbagħad inħoss ukoll li mhumiex feliċi flimkien. Hija tinkieh kemm jista' jkun, tmerih għal kull ħaġa ta' xejn. Il-għala? Is-sitwazzjoni tiegħi hija wisq agħar milli qed taħseb int għax is-sirena tiegħi hija l-mara ta' ibni, għax is-sirena tiegħi qabel ma saret mart ibni, stqarritli li tħobbni, għax is-sirena tiegħi donnha se twaqqagħni fid-dnub...

BOLFAMIER : U mela x'se tagħmel?

PROFESSUR : X'se nagħmel? Kobob imħabblin bħal din tiegħi, b'mod wieħed jistgħu jinħallu...

BOLFAMIER : (*Iħares lejh b'dewha u b'biża'*) Alfons!... Kif tista' ssolviha problema hekk diffiċli?

PROFESSUR : 'Il quddiem ma nafx x'se nagħmel, ma nafx x'se jsir minni, imma għalissa jeħtieġ nitbiegħed minn hawn... u malajr.

BOLFAMIER : Titlaq?

PROFESSUR : Iva, il-lejla stess : ġa bbukkjajt ma' l-ajruplan li għandu jitlaq fil-għaxra ta' bil-lejl, u l-ħwejjeġ ġa ppakkjati...

BOLFAMIER : Se titlaq hekk... ħabta u sabta... U fejn sejjer f'dat-temp?

PROFESSUR : F'dat-temp? Ma jidhirlekx li dil-burraxka ta' l-ajru li bħal issa qed taħkem fuq Malta hija addattata ħafna biex timxi id f'id mal-burraxka ta' mħabba li fiha ninsab imgerweż? Fejn sejjer!? Għalissa l-Isvizzera. Kemm se ndum hemm ma nafx. Iż-żmien jagħtini parir, dak il-parir twajjeb tiegħu li ta lil ħafna oħrajn. (*Beraq u riħ*).

BOLFAMIER : U Ġino?! U Sita?!

PROFESSUR : Ħadd ma jaf xejn. Se nħallilhom ittra, qasira kemm tista' tkun, gidba ħanina... il-gidba tas-soltu. L-importanti hu li nitbiegħed... u li Ġino ma jkun jaf xejn.

BOLFAMIER : U l-kawżi?... Il-ħafna kawżi li għandek pendenti?... Dak il-ġuri?

PROFESSUR : Kollox f'idejk.

BOLFAMIER : Ħabib, nifhmek u nagħdrek. X'nista' ngħidlek iżjed?

PROFESSUR : Grazzi...

BOLFAMIER : Nagħmel mill-aħjar biex ħadd ma jindunа b'xejn... u, professjonalment, nipprova naqdik mill-aħjar.

PROFESSUR : Lin-nies li jistaqsuk, għidilhom li jien marid, marid serjament, marda li ma rrid ingħid lil ħadd x'inhi, ħalli l-fantasija taħdem u tittradihom. Għidilhom li tlaqt ħin bla waqt biex nikkonsulta speċjalista.

BOLFAMIER : Iva, il-gidba forsi tgħaddi...

PROFESSUR : Tgħaddi għal kulħadd minbarra għal tnejn minnies... Int... u Sita...

BOLFAMIER : (*Jaħseb fuq dan l-isem*) Sita?!! (*Riħ, beraq u xita sa l-aħħar ta' l-att jiżdiedu dejjem.*)

PROFESSUR : Sita!... Sita!?... (*Iħares fil-vojt bħal bniedem iffissat f'xi ħaġa*) Irwiefen ta' mħabba li din id-dinja stramba, għariba u kapriċċuża, tinsab miżgħuda bihom. U meta, bħal-lejla, l-ajru jkun imgħobbi u fgat bi sħab kiesaħ u sewdieni, l-irwiefen jitħalltu u jsiru qishom ħaġa waħda magħhom, bħallikieku jixtiequ u jridu jinħbew u jinsatru fosthom; u malli x-xita tibda nieżla bil-qliel, jinżlu magħha, jimxu mal-għargħar ta' l-ilmijiet, jitgerbu ġol-widien u jintemmu fil-kobor tal-baħar, donnhom qatt ma kienu... (*Iħares lejn Bolfamier donnu qed jistenna minnu xi tweġiba.*)

BOLFAMIER : (*Biex bħallikieku ma jmeriħx*) Iva... hekk hu!

PROFESSUR : Donnhom qatt ma kienu!... Imma kienu, għadhom u jibqgħu... dejjem... dejjem... irwiefen ta' l-ajru... irwiefen ta' mħabba. (*Jistenna xi tweġiba oħra ta' Bolfamier li din id-darba ma tiġix — skiet tal-mewt — ix-xita tinstama' nieżla bil-qliel — b'leħen ta' ossessjoni, donnu jrid jipperswadi lilu nnifsu u lil Bolfamier li jinsab mitluf fil-ħsibijiet. Il-Professur jipprova jġibu f'sensih billi jheżżlu drieghu*) Ismagħha nieżla x-xita! (*Sajjetta filqrib.*)

SIPARJU BIL-QAJLA.